MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2015

Numru 659/2014

**Spettur**

**Silvio Magro**

**VS**

**Jason Calleja**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Jason Calleja, bin Victor u Josephine nee' Fenech, mwieled Attard fil-11 ta' Dicembru 1973, residenti Bin ital-Gvern, Blk B, Fl 3 TRiq Sur Ugo Mifsud, Lija u detentur tal-Karta tal-Identita' bin0numru 64474(M);

Talli;

1) Fil-jum ta' 29 ta' Gunju 2014 ghall-habta tan-12.30hrs gewwa l-ghassa tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, bil-hsieb li jaghmel hsara lill-persuna ta' wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku, akkuza lil dik il-persuna quddiem awtorita' komptetenti b'reat Artikolu 112 tal-Kap 9;
2) Talli fl-istess jum, hin u post, bil-hsieb li jbezzgha jew jli jinfluwixxi persuna ta' wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqtl I jkun ajgheml jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, akkuza lil dik il-persuna quddiem awtorita' kompetenti b'reat;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputat huwa impjegat fil-Malta International Airport. Bhala persuna li jahdem hemm, ikun irid jidhol u johrog minn bieb apposta fejn isiru "security checks" fuq kull basket u proprjeta' ohra. Fid-29 ta' Gunju 2014 l-imputat ghamel rapport fil-konfront ta' PC388 Luciano Bezzina, fejn allega li l-Pulizija li kien mas-"security" waqqfu u talbu tlitt darbiet sabiex ibattal l-affarjiet personali tieghu mill-basket. Ghalhekk irrappurtah li dan kien abbuz ta' poter u talab li jittiehdu passi dixxiplinari fil-konfront tal-kuntistabbli. Mill-investigazzjoni li ghamlet il-Pulizija rrisulta l-kontra, jigifieri li l-imputat gab ruhu hazin mal-istess Ufficjal. Ghalhekk il-Pulizija hadet stqarrija lill-imputat u ressqitu taht dawn l-akkuzi indikati f'din il-kawza.

Mill-provi prodotti l-Qorti hi tal-fehma li l-Pulizija kellha ragun tressaq lill-imputat. Ma rrisulta ebda abbuz minn PC388 Bezzina. Irrisulta li l-imputat ghamel rapport fuqu biex jivvessah talli kien qed jaghmel xoghlu. Apparti li dan irrisulta b'mod car mill-provi prodotti quddiem din il-Qorti u mix-xhieda prodotti, jirrisulta wkoll mill-istess stqarrija mehuda lill-imputat, fejn hu jghid li "jista' jkun tfixkilt" u "ma jidhirlix li ghedtlu hekk". Fir-rapport originali, l-imputat kien kategoriku kontra PC388, mentri fl-istqarrija, jipprova jtaffi ftit l-allegazzjoni kontra l-kuntistabbli. Dan l-agir huwa irresponsabbli ghall-ahhar, aktar u aktar meta gej minn persuna adulta u matura li jahdem f'post fejn is-

sigurta' ghandha tigi qabel kollox. Ghalhekk il-Qorti ser issibu hati u sejra tikkundannah ghal piena ta' multa.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 101(b) u 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti ssib lill-imputat hati u ghaldaqstant tikkudnannah multa ta' elf u mitejn ewro (€1,200).

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------